# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.8

**Kap 3 : Ġesu fostna!**

**Lezzjoni:3.8** U paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. jifhmu minn huma dawk li għandhom rieda tajba;
2. jiddiskutu modi kif huma jistgħu jġibu l-paċi u jagħmlu l-ġid;
3. jirrevedu u jiftakru f'nies u tfal f'pajjiżi differenti li ma jistgħux igawdu l-Milied;
4. jifhmu li ambjent aħjar ifisser aktar paċi fid-dinja.

**Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Powerpoint : Il-Milied – Festa ta' Paċi Madwar id-Dinja
- Il-Kanzunetta: Paċi Fil-Milied

  https://www.youtube.com/watch?v=PlvAXzE5tTU

- Il-Kanzunetta *War is Over*

  https://www.youtube.com/watch?v=oXaLu7bvke8

- Kanzunetta – Milied Qaddis –

  https://www.youtube.com/watch?v=C--4VB2j1PI&index=6&list=RDqDXQcgk35Bs

- Karta ta' taħriġ : 3.6 (mill-Ktieb)

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Spjega: Fil-lezzjonijiet ta' qabel tkellimna li l-Milied huwa festa ta' ferħ u ta' solidarjetà, fejn min ikollu jgħin lil min hu fil-bżonn.

- Rajna wkoll kif nies madwar id-dinja jqattgħu l-Milied : id-drawwiet u t-tradizzjonijiet tagħhom. Illum se naraw nies li l-Milied ma jistgħux igawduh. Tafu għaliex ? X'jistgħu jkunu r-raġunijiet?



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)




1. Uri l-*powerpoint* Milied: Festa ta' Paċi Madwar id-Dinja.

2. Spjega kif dan jitkellem dwar ir-realtà tas-Syria fil-preżent. Il-vittmi tal-gwerer huma fost dawk li fil-Milied mhux biss ibatu l-faqar u l-ġuħ iżda xi wħud minnhom jitilqu minn arthom bħala refuġjati biex jibdew ħajja ġdida. Il-Papa Franġisku, bħala ragħaj tal-Knisja, jappella għat-talb biex issaltan il-paċi u biex l-insara jieħdu azzjoni fil-prattika biex jilqgħu familja tar-refuġjati fil-parroċċa tagħhom.

3. Iddiskuti l-*powerpoint* u ara t-tfal x'ikun laqathom l-aktar.

4. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 3.6 u wara li taqra s-silta mogħtija, iddiskuti magħhom Attivitajiet 1 u 2.

5. Iddiskuti L-Attività *Illum nitgħallmu din* u oħroġ il-fatt li tajjeb li niddevertu u nieħdu gost imma tajjeb ukoll li mmorru għall-purċissjoni tal-Bambin u l-quddiesa ta' nofs il-lejl.

6. Ippreżenta l-kanzunetta bl-Ingliż *War is over* jew bil-Malti *Paċi fil-Milied*, u ara t-tfal x'jaħsbu.

7. *Biex tagħlaq dan il-kap dwar il-Milied ppreżenta l-kanzunetta Milied Qaddis.*

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)



1. Nies li jridu l-paċi huma dawk li jgħixu tajjeb u jgħinu lil ta' madwarhom.
2. Huma wkoll dawk li mbagħad jgħinu biex ħaddieħor ikun jista' jgħix aħjar.
3. Mhux in-nies tad-dinja kollha jiċċelebraw Milied hieni.
4. Fejn hemm il-gwerra m'hemmx paċi u n-nies ibatu ħafna.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jobdu, jgħinu u jħobbu b'mod li juru li għandhom għal qalbhom il-paċi.
- It-tfal, jekk ikunu jistgħu, jattendu għall-quddiesa ta' nofs il-lejl.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Il-Kanzunetta: Paċi Fil-Milied

  https://www.youtube.com/watch?v=PlvAXzE5tTU



- Il-Kanzunetta *War is Over*

  https://www.youtube.com/watch?v=oXaLu7bvke8

- Kanzunetta – Milied Qaddis –

  https://www.youtube.com/watch?v=C--4VB2j1PI&index=6&list=RDqDXQcgk35Bs

## Nitolbu

Bambin Ġesu' ħenn għal dawk il-familji li ma jistgħux igawdu il-Milied bħalna minħabba gwerer. ġuħ u faqar.

